

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Kaž M.10945 – GIP / MERIDIAM / SUEZ RECYCLING AND RECOVERY UK GROUP HOLDINGS LTD)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 388/09)

1. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Global Infrastructure Management LLC (“GIP”, l-Istati Uniti tal-Amerika),
- Meridiam S.A.S., (“Meridiam”, Franza),
- Suez Recycling and Recovery UK Group Holdings Ltd (“Activité Déchets Non Dangereux UK”, ir-Renju Unit).

GIP u Meridiam, permezz ta’ Suez S.A (impriża bi sħab bejn GIP u Meridiam) se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Activité Déchets Non Dangereux UK.

Il-konċentrazzjoni ssir permezz tax-xiri tat-titoli li jikkostitwixxu fl-Activité Déchets Non Dangereux UK, sett ta’ assi u ishma fis-settur tal-iskart mhux perikoluż fir-Renju Unit.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

- GIP: maniġer indipendenti tal-fondi tal-infrastruttura li tinvesti fis-setturi tat-trasport, l-enerġija, l-iskart u l-ilma;
- Meridiam: attur globali li tispeċjalizza fl-iżvilupp, il-finanzjament u l-ġestjoni fit-tul tal-infrastruttura, b'mod partikolari fis-setturi ta’ (i) il-mobilità, (ii) it-tranżizzjoni tal-enerġija u (iii) l-infrastruttura ambjentali u soċjali;
- Activité Déchets Non Dangereux UK: attiva fis-settur tal-iskart mhux perikoluż fir-Renju Unit, b'mod partikolari fil-ġbir, is-separazzjoni, ir-riċiklaġġ, l-irkupru (enerġija u materjali) u r-rimi ta’ skart domestiku, kummerċjali u industrijali.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tigħi speċifikata:

M.10945 – GIP / MERIDIAM / SUEZ RECYCLING AND RECOVERY UK GROUP HOLDINGS LTD

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

(¹) ĠU L 24 tad-29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffé des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
